MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-10 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 198/2004

**TABONE COMPUTER CENTRE LIMITED**

vs

Joe **CAMILLERI**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-17 ta' Marzu, 2004, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti (a) issib li l-imħarrek naqas li jwettaq l-obbligi kuntrattwali tiegħu mal-kumpannija attriċi skond il-ftehim ta' servizz ta' bejniethom u għalhekk għandu jitqies marbut li jixtri t-"*turnkey solution*" maħsuba fl-istess ftehim; (b) tillikwida s-somma dovuta mill-imħarrek għax-xiri tal-imsemmija "*turnkey solution*" fis-somma ta' Lm 13,390[1]; u (ċ) tikkundanna lill-imħarrek iħallasha l-imsemmija somma flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż tal-kawża;

---

[1] Ekwivalenti għal € 31,190.31 fi flus tal-lum

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta’ Mejju, 2004, li bih tat direttivi lill-attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat in-Noti mressqin mill-kumpannija attriċi fis-17 ta’ Settembru, 2004, b’listi dettaljati tal-ismijiet tax-xhud li kienu sejrin jitressqu u kif ukoll b’għadd ta’ dokumenti mressqin bi prova;

Rat in-Nota mressqa mill-kumpannija attriċi fil-31 ta’ Jannar, 2005, li magħha kien hemm mehmużin erba’ (4) affidavit bix-xhieda ta’ wħud mix-xhud tagħha;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta’ Marzu, 2005, li bih ordnat in-notifika tal-atti lill-imħarrek, b’direttivi għat-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek fl-4 ta’ April, 2005, li biha laqa’ għat-talbiet tal-kumpannija attriċi billi, in linea preliminari, qal li l-ftehim li sar bejnu u bejn l-imsemmija kumpannija ma jiswiex għaliex kien vizzjat b’qerq u għamil doluż, u huwa null ukoll għaliex huwa monk (*lame contract*) għaliex jitfa’ fuqu impediment irraġonevoli u jimponi obbligazzjonijiet eċċessivament onerużi minbarra li jikser il-presuppost fondamentali ta’ kull kuntratt kommutativ billi joħloq żbilanċ bejn id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tal-kontraenti b’detriment sproporzjonat kontrih, u dan bi ksur tal-artikoli 963 u 1009 tal-Kodiċi Ċivili. Jgħid li l-ftehim ma jiswiex ukoll minħabba li jmur kontra l-artikolu 993 tal-Kodiċi. Jilqa’ billi jgħid li l-kuntratt fih klawsoli konfliġġenti li jwasslu biex iġibu fix-xejn l-għan tal-ftehim. Iressaq id-difiża tal-forza maġġuri li wasslet biex, minħabba fiha, ma setax jibqa’ jħares ir-rabtiet kuntrattwali tiegħu mal-kumpannija attriċi. Imbagħad jgħaddi biex jixli lill-kumpannija attriċi bi ksur tal-obbligi tagħha lejh meta naqset li ttejjeb (“*upgrading*”) is-soluzzjoni minnha fornita lilu. Iżid jgħid ukoll li l-kumpannija naqset min-naħa tagħha milli twettaq il-parti tagħha li tagħtih l-għajnuna teknika li kien jeħtieġ biex isib tarf tal-qagħda li sab ruħu fiha meta l-Maltacom issospendietlu t-tħaddim tal-linji telefoniċi li kienu essenzjali biex jitħaddem is-servizz miftiehem. Iwarrab it-talba attriċi għall-ħlas mitlub, u kif ukoll dik fejn issir it-

talba biex ikun kundannat li jixtri t-“*turnkey solution*” u dan għaliex jonqsu fiha l-elementi meħtieġa mil-liġi għall-kuntratt tal-bejgħ (jiġifieri d-determinatezza tal-ħaġa mixtrija u tal-prezz tagħha). Fl-aħħarnett, żamm il-jedd li ’l quddiem iressaq talba rikonvenzjonali wara li l-Qorti tiddeċiedi dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tiegħu li l-ftehim ma jiswiex;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta’ April, 2005[2], li bih qiegħdet il-kawża fil-lista ta’ kawżi qabel is-seduta (*pretrial*) u ħatret lill-Assistent Ġudizzjarju tagħha l-Avukat Maria Dolores Gauċi biex twettaq kulma huwa meħtieġ għall-kawża f’dak l-istadju;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju, kemm bil-meżż tal-affidavit kif ukoll *viva voce*;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta’ Lulju, 2006[3], li bih ċaħdet talba magħmula mill-imħarrek b’rikors tiegħu tal-1 ta’ Ġunju, 2006, biex jissejħu fil-kawża Joseph Mary Fabri u Ronald Muscat;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta’ Ġunju, 2007, illi permezz tiegħu appuntat il-kawża għas-smigħ quddiemha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta’ Ottubru, 2007, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni biex titlob it-twettiq ta’ obbligazzjoni miftehma. Il-kumpannija attriċi qegħda tixli lill-imħarrek li huwa naqas li jwettaq obbligazzjonijiet li daħal għalihom fi ftehim li għamel magħha u issa qegħda titlob li l-Qorti ġġegħlu jwettaqhom;

---

[2] Paġ. 66 tal-proċess
[3] Paġ. 96 tal-proċess

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrek laqa', b'mod preliminari, billi qali li l-ftehim ma jiswiex għaliex milqut minn nuqqasijiet sostanzjali. Laqa' wkoll billi qal li jekk kien hemm xi nuqqas ta' twettiq min-naħa tiegħu dan ma kienx għax ried hu imma minħabba ċirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom u li kienu jikkostitwixxu għalih forza maġġuri. Minbarra dan, xela lill-kumpannija attriċi b'nuqqasijiet serji min-naħa tagħha li ġabuh f'qagħda li ma setax jagħmel il-parti tiegħu mill-ftehim ta' bejniethom;

Illi mill-provi li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li fit-8 ta' Mejju, 2001[4] il-kumpannija attriċi daħlet fi ftehim mal-imħarrek biex tikkonsenjalu, tistallalu u żżommlu għaddejja "*turn-key solution*" li biha jkun jista' jingħata aċċess għall-*internet* jew servizzi li jkunu jeħtieġu l-*internet* lill-parruċċani tiegħu minn stabiliment li huwa kien imexxi bl-isem ta' "The Cockerel", fi Triq il-Ħarifa, Buġibba. Qabel sar il-ftehim, l-imħarrek kien mogħti tagħrif mill-kumpannija attriċi dwar kif kellu jseħħ l-arranġament[5]. Għall-bidu, s-sistema kellu jitħaddem b'erba' (4) *computers* li 'l quddiem setgħu jiżdiedu taħt l-istess ftehim. Fost il-patti magħmula f'dak il-ftehim kien hemm dak li ż-żmien tal-ftehim kien għal ħames (5) snin b'seħħ minn meta jingħataw il-linji ta' komunikazzjoni, liema żmien seta' jiġġedded b'perjodi oħra ta' ħames snin kull wieħed qabel ma jagħlaq it-terminu li jkun. Il-kumpannija attriċi kienet sejra tibqa' s-sid tas-sistema stallat, u l-imħarrek intrabat li ma jdaħħal l-ebda tqabbid ma' sistema ieħor tal-*internet* fil-post sakemm ikun għadu fis-seħħ il-kuntratt;

Illi l-ftehim kien jgħid ukoll li jekk kemm-il darba l-imħarrek ma joqgħodx għall-ftehim, kien qiegħed jitqies li jkun għażel li jixtri l-*hardware* biss (għaliex is-*software* dejjem jibqa' tagħha) u li jħallas prezzu fi żmien għaxart (10) ijiem minn dak inhar li l-kumpannija attriċi titolbu bil-miktub li jagħmel dan. B'żieda ma' dan, klawsola oħra tgħid li fejn l-imħarrek itemm il-kuntratt qabel żmienu, huwa jintrabat li jħallas lill-kumpannija somma flus biex tagħmel tajjeb għat-telf ta' servizz li hija kien għad fadlilha tagħtih li kieku l-kuntratt tħalla jieħu ż-żmien kollu tiegħu;

[4] Dok "TCC 1", f'paġġ. 17 – 22 tal-proċess
[5] Dok "TCC" (datat 20.9.2000), f'paġ. 62 tal-proċess

Illi s-sistema (bis-*software* u l-*hardware* b'kollox) twasslet lill-imħarrek fl-aħħar ta' Mejju tal-2001[6]. F'Lulju tal-2002, jidher li s-sistema żdied b'żewġ *computers* oħrajn[7]. F'dak ix-xahar ukoll, l-imħarrek (u martu) ftehmu b'konvenju[8] ma' Kenneth Keating u martu Irene li jbiegħulhom il-post in kwestjoni. F'Novembru tal-2002, il-ftehim għadda fuq isem l-imsemmija Irene Keating, imma reġa' ddawwar fuq l-imħarrek f'xi żmien matul l-2003. F'Awissu tal-2003, il-kumpannija attriċi ħadet lura biċċa mit-tagħmir li kienet ikkonsenjat fl-okkażjonijiet ta' qabel[9]. Sakemm baqa' jitħaddem is-sistema, l-imħarrek qatt ma ressaq ilmenti dwar xi nuqqasijiet jew difetti fih jew fit-tagħmir provdut[10]. L-aċċess għall-*web* kien mogħti lill-kumpannija attriċi minn Datastream (li kienet tibghat il-kontijiet għall-ħlas lill-istess kumpannija attriċi) fuq l-infrastruttura tal-Maltacom[11]. L-imħarrek kien abbonat mal-Maltacom għal-linja telefonika meħtieġa;

Illi f'Jannar tal-2004[12] Maltacom plc talbet lill-imħarrek iħallas kont pendenti għas-servizz telefoniku provdut fl-istabiliment immexxi minnu (bin-numru 21577553). Jirriżulta li s-servizz kien ilu li nqata' minn Settembru tal-2002[13] għax il-kont ma tħallasx[14];

Illi fis-17 ta' Frar tal-2004[15], l-imħarrek (u martu) wellew il-ħanut lil wieħed Alexander Portanier, bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm miftehma. Lejn l-aħħar ta' dak ix-xahar, il-kumpannija attriċi talbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-imħarrek, u fis-17 ta' Marzu, 2004, fetħet din il-kawża;

Illi f'Marzu tal-2006, l-imħarrek kera l-post lil wieħed Christopher Xuereb[16];

---

[6] Dok "TCC 2", f'paġ. 23 tal-proċess
[7] Dok "TCC 3", f'paġ. 24 tal-proċess
[8] Dok "JC 2", f'paġ. 108 tal-proċess
[9] Dok "TCC 5", f'paġ. 26 tal-proċess
[10] Affidavit ta' Andrea Conti 26.1.2005, f'paġ. 45 tal-proċess
[11] Xhieda ta' Pierre Debrincat 10.1.2006, f'paġ. 81 tal-proċess
[12] Dok "M", f'paġ. 57 tal-proċess
[13] Xhieda ta' Noel Scerri 28.5.2007, f'paġġ. 137 – 8 tal-proċess
[14] Dok "NS", f'paġġ. 123 sa 136 tal-proċess
[15] Paġġ. 111 – 2 tal-proċess
[16] Paġġ. 109 – 110 tal-proċess

Illi għal dak li għandu x'jaqsam mal-aspetti ta' dritt li jirregolaw il-każ joħroġ din il-Qorti għandha tistħarreġ żewġ aspetti ewlenin: l-ewwel wieħed huwa s-siwi tal-ftehim bejn il-kumpannija attriċi u l-imħarrek, filwaqt li t-tieni wieħed huwa l-aspett tan-nuqqas tat-twettiq tal-ftehim u l-effetti li dan iġib miegħu. L-ewwel aspett jitnissel minn xi eċċezzjonijiet imqanqlin mill-imħarrek, filwaqt li t-tieni aspett huwa l-bażi li fuqha l-kumpannija attriċi tibni l-każ tagħha waqt li tixli lill-imħarrek li kiser ir-rabtiet tiegħu magħha. Minħabba l-effetti tagħhom, il-Qorti sejra tistħarreġ l-ewwel il-kwestjoni mqanqla mill-imħarrek;

Illi tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh ukoll in-natura tal-kuntratt ta' bejn il-partijiet. Dan kien jikkonsisti fi ftehim ta' servizz li bih il-kumpannija attriċi tistalla *turnkey solution* f'post kummerċjali mħaddem mill-imħarrek li permezz tiegħu parruċċani tiegħu jkunu jistgħu jaċċedu għall-internet waqt li jkunu fl-istabiliment allestit bħala *internet cafe'*. Dan is-servizz kellu jikkonsisti fl-istallazzjoni tat-tagħmir (*hardware*) u tal-istrutturi kollha meħtieġa (*software* u *peripherals*). Il-kumpannija attriċi ntrabtet li tħarreġ impjegati tal-istabiliment tal-imħarrek biex iħaddmu s-sistema. Hija kienet marbuta wkoll li tħallas l-spejjeż kollha tas-sistema u żżommha taħdem bi spejjeż għaliha, billi tiffinanzja wkoll il-*link* tagħha mal-*internet provider*[17]. Iżda l-ħlas għas-servizz tal-linja telefonika kellu jsir mill-imħarrek. Mill-bqija, l-investiment tal-imħarrek kien li huwa jieħu nofs il-qligħ mid-dħul ġenerat mill-parruċċani tal-istabiliment immexxi minnu[18]. B'dan il-mod, huwa ma kellu l-ebda riskju dwar l-investiment magħmul;

Illi **dwar is-siwi tal-kuntratt** l-imħarrek jallega n-nullita' u n-nuqqas ta' siwi tal-kuntratt dwar bosta raġunijiet. Huwa jsemmi (a) l-vizzju tal-kunsens (tiegħu) minħabba qerq u għamil doluż (min-naħa tal-kumpannija attriċi), (b) in-nuqqas ta' siwi minħabba li l-kuntratt huwa wieħed monk (*lame contract*) minħabba li jitfa' fuqu piżijiet irraġonevoli u jgħabbih b'obbligazzjonijiet eċċessivi li jġibu fix-xejn il-bilanċ mistenni f'kull ftehim kommutativ skond l-artikolu

[17] Affidavit ta' Joseph Tabone 31.1.2005, f'paġ. 33 tal-proċess
[18] Affidavit tal-imħarrek 1.6.2006, f'paġ. 88 tal-proċess

963 tal-Kodiċi Ċivili, (ċ) n-nuqqas ta’ bona fidi min-naħa tal-kumpannija attriċi, bi ksur tal-artikolu 993 tal-Kodiċi, u (d) dispożizzjonijiet fil-ftehim li jwaqqgħu waħda lill-oħra, bi ksur tal-artikolu 982 tal-Kodiċi;

Illi l-Qorti tibda biex tgħid minnufih li l-erba’ raġunijiet imressqa ’l quddiem mill-imħarrek huma, biex jingħad is-sewwa, raġunijiet ta’ annullabilita’ tal-kuntratt u mhux raġunijiet ta’ nullita’ assoluta jew ta’ nuqqas ta’ siwi inerenti jew kostitutiv tal-obbligazzjoni minnha nfisha. Huwa minnu li l-fehma ġenerali hi li, fejn hemm raġuni ta’ annullabilita’ ta’ kuntratt, l-kwestjoni tkun trid titmexxa ’l quddiem b’azzjoni għaliha u mhux b’eċċezzjoni f’kawża li titlob it-twettiq ta’ dak il-kuntratt[19]. Iżda jidher li, bi tħaddim tar-regola li tinsab fl-artikolu 1226 tal-Kodiċi Ċivili, persuna mħarrka f’kawża mibdija kontriha biex tintalab l-eżekuzzjoni ta’ kuntratt tista’, b’eċċezzjoni, tqanqal il-kwestjoni tan-nuqqas ta’ siwi ta’ dak l-istess kuntratt jekk kemm-il darba l-persuna mħarrka kellha raġuni tajba biex titlob it-tħassir tiegħu[20]. Skond il-liġi, ftehim li fih tkun nieqsa xi waħda mill-kundizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, jew li l-liġi tiddikjara espressament li hu null, hu suġġett għar-rexissjoni[21]. Il-ħtiġijiet essenzjali ta’ kull kuntratt huma l-kapaċita’ tal-partijiet li jidħlu għalih, il-fehma ħielsa tagħhom, il-ħaġa żgura li tkun l-oġġett tal-kuntratt u l-kawża leċita tan-negozju li dwaru jsir il-kuntratt[22];

Illi l-erba’ raġunijiet imsemmijin mill-imħarrek huma raġunijiet li, jekk jirriżultaw mistħoqqa, jwasslu għat-tħassir tal-kuntratt li sar bejnu u l-kumpannija attriċi. Kif ingħad, l-imħarrek jagħmel bosta allegazzjonijiet f’dan ir-rigward. L-ewwel waħda hija l-**vizzju tal-kunsens** li huwa jgħid seħħ fih minħabba qerq jew għamil doluż min-naħa tal-kumpannija attriċi. L-imħarrek jiġġustifika dan l-ilment tiegħu minn wegħdiet li huwa jgħid li l-kumpannija attriċi għamlitlu qabel sar il-kuntratt u mbagħad naqset li twettaq

---

[19] Ara P.A. **15.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Bajada vs Lumb*** (Kollez. Vol: **XXXVI.ii.585**) , P.A. RCP **27.6.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Alex Periċi Calascione noe vs George Rizzo***

[20] P.A. JA **30.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Hugh Peralta noe vs Credinvest International Corporate Finance Ltd. et.*** u Maġ. Ċiv. (Għ) AE **26.9.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Island Farmhouses Ltd vs Michelina Xerri et*** fost l-oħrajn

[21] Art. 1212 tal-Kap 16

[22] Art. 966 tal-Kap 16

jew li saħansitra kienu wegħdiet fiergħa. Huwa jagħmel riferenza partikolari għal ittra mibgħuta lilu mill-kumpannija attriċi f'Settembru tal-2000 (madwar disa' xhur qabel sar il-kuntratt) u waqt li kienu għaddejjin in-negozjati mal-kumpannija attriċi[23];

Illi huwa prinċipju stabilit li l-istabilita' tal-kuntratti hija waħda mill-presupposti tal-konvivenza soċjali, u għalhekk il-liġi tagħraf il-liberta' tal-kuntratti u tagħti lill-kontraenti kwalunkwe faċilita' biex jaraw l-affarijiet tagħhom sewwa qabel ma jingħaqdu fil-ftehim. Huwa biss fejn jintwera li l-kuntratt huwa l-effett ta' żball ta' fatt invinċibbli fl-akkwirent, jew ta' għamil doluż, gravi u determinanti pratikat mit-trasferent li l-liġi tagħti r-rimedju tar-rexissjoni tal-kuntratt[24]. L-imħarrek jgħid li l-kumpannija attriċi taħti lejh għall-qerq jew għamil doluż. Fil-liġi tagħna, l-għamil doluż huwa raġuni tajba għan-nullita' tal-ftehim, imma meta l-qerq imwettaq minn waħda mill-partijiet ikun tali li mingħajru l-parti mġarrba ma kinitx tersaq għall-kuntratt[25]. Il-qerq huwa mfisser bħala "*qualsiasi inganno, circonvenzione, comportamento truffaldino, raggiro usato per far cadere in errore la controparte e indurla a concludere il negozio*"[26]. Il-liġi tagħna trid li biex il-qerq iwassal għat-tħassir tal-kuntratt irid ikun **determinanti u mhux biss inċidentali**, u l-għamil doluż ma jistax ikun preżunt iżda ippruvat kif imiss[27]. Il-prova trid issir mill-parti li tallega l-qerq[28], li wkoll trid turi li l-parti l-oħra kellha l-fehma jew intenzjoni li tqarraq[29];

Illi meta l-Qorti tgħarbel il-provi mressqa mill-imħarrek u l-fatti li joħorġu mill-atti ma tasalx biex issib dawk iċ-ċirkostanzi hawn imsemmija li jwasslu biex juru li l-fehma tiegħu kienet waħda ngannata. Lanqas ma ntwera b'liema ħażen il-kumpannija attriċi suppost li qarrqet bih. Għall-kuntrarju, mix-xhieda mressqa mill-imħarrek innifsu

---

23 Dok "TCC1", f'paġ. 62 tal-proċess
24 P.A. **9.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Schembri et vs Azzopardi et*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.726**)
25 Art. 981(1) tal-Kap 16
26 G. Alpa Corso di Diritto Contrattuale (2006), § 12.14, paġġ. 138 – 140
27 Art. 981(2) tal-Kap 16
28 App. Kumm. **31.3.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit et vs Farruġia et*** (Kollez. Vol: **LI.i.546**)
29 P.A. DS **6.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Ian Busuttil et vs Carmen Taliana***

kemm minn rajh[30] u kemm fil-kontro-eżami tiegħu[31], joħroġ ċar li qabel ma daħal għall-ftehim mal-kumpannija attriċi l-imħarrek kien iddiskuta minn qabel is-sistema propost, u kien qara, fela sewwa u fehem id-dokument li eventwalment iffirma bħala kuntratt. Dawn iċ-ċirkostanzi jixhdu l-kuntrarju ta' dak allegat mill-imħarrek u, magħduda mal-fatt li għal tliet snin sħaħ l-imħarrek ħaddem is-servizz mogħti lilu mill-kumpannija attriċi skond il-ftehim ta' bejniethom, wieħed ma jarax kif tassew jista' jingħad li dan kollu kien frott ta' ngann li jwassal għat-tħassir tal-ftehim;

Illi għal din ir-raġuni l-Qorti ssib li l-ewwel eċċezzjoni m'hijiex mistħoqqa;

Illi t-tieni raġuni miġjuba mill-imħarrek hi li l-kuntratt jgħabbih **b'obbligazzjonijiet irraġonevolment eċċessivi**. Għalkemm ma jelaborax, jidher li l-imħarrek qiegħed jinvoka "att mhux ġust" kif maħsub fid-dispożizzjonijiet tal-artikoli 44(2)(g)(ħ)(l) u (u) u 45(1)(a) u (d) tal-Att tal-1994 dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur[32]. F'dan ir-rigward, il-Qorti jidhrilha li f'każ bħal dak il-liġi xorta waħda ma taħsibx għat-tħassir tal-kuntratt, imma tgħid li espressjonijiet jew klawsoli bħal dawk jitqies bħallikieku qatt ma ddaħħlu fil-kuntratt li jkun[33]. Jiġifieri, l-kuntratt jitqies li jgħodd mingħajr ma jittieħed qies ta' klawsoli bħal dawk;

Illi l-imħarrek ma xehed xejn dwar dawk li huwa jqis bħala obbligazzjonijiet irraġonevoli u "onerużissimi (li) jikkostitwixxu *unjustified enrichment* tas-soċjeta' attriċi". Lanqas ma deherlu li kellu jsemmi liema mill-klawsoli tal-kuntratt huwa jqis li jaqgħu taħt din il-kategorija. Il-Qorti qrat aktar minn darba l-kuntratt u ma tarax li, moqri fl-assjem tiegħu, dak il-ftehim ixaqleb b'mod daqshekk sproporzjonat il-kefef tar-rabtiet tal-partijiet lejn xi naħa jew oħra[34]. Għall-kuntrarju, l-attur *nomine* fisser tajjeb

[30] Paġ. 88 tal-proċess
[31] Paġ. 100 tal-proċess
[32] Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta
[33] Art. 44(1), Kap 378
[34] Ara, per eżempju, P.A. TM **7.7.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Gatt et vs Awtorita' Marittima ta' Malta***

għaliex il-ftehim fih ċerti klawsoli, l-iżjed meta wieħed iqis l-investiment li l-istess kumpannija attriċi tkun għamlet biex forniet it-tagħmir u s-*software* ħalli tkun f'qagħda li tagħti s-servizz offert lill-klijenti tagħha;

Illi għalhekk, lanqas it-tieni eċċezzjoni mhi sejra tintlaqa';

Illi t-tielet raġuni miġjuba 'l quddiem mill-imħarrek hi li l-kumpannija attriċi wriet **nuqqas ta' bona fidi** fit-twettiq tal-kuntratt. Il-ħtieġa li l-kuntratti jitwettqu bil-bona fidi toħroġ minn kliem il-liġi nnifisha[35] u tgħodd mhux biss dwar dak li l-partijiet ikunu ftehmu fuqu speċifikatament minn kliem il-kuntratt, iżda wkoll minn dak kollu li jitnissel mill-obbligazzjonijiet li dak il-kuntratt jaf joħloq jew mill-ekwita' jew l-użu. Iżda n-nuqqas ta' bona fidi jrid ikun ippruvat minn min jallegah[36], għaliex il-liġi tippreżumi li l-affarijiet ikunu saru u twettqu bil-ħsieb tajjeb u mhux bil-ħażen. Iżda fejn jintwera li parti f'kuntratt tkun imxiet bi ħsieb ħażin, l-effett ta' dan ma jkunx it-tħassir tal-kuntratt jew li jinġab fix-xejn is-siwi tiegħu – kif donnu jrid l-imħarrek b'din l-eċċezzjoni tiegħu – imma li dik il-parti ġġarrab is-sanzjonjiet għal għemilha[37]. Kemm hu hekk, id-dispożizzjoni tal-Kodiċi li titkellem dwar it-twettiq bil-bona fidi tqiegħdet fit-taqsima li titkellem dwar "l-effetti tal-kuntratti" u mhux fit-taqsima li titkellem dwar "ir-rekwiżiti (kostitutivi) tal-kuntratti";

Illi għalhekk, il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' l-eċċezzjoni kif formulata;

Illi l-aħħar allegazzjoni dwar is-siwi tal-kuntratt l-imħarrek jibniha fuq **il-konflitt fid-diversi dispożizzjonijiet tal-ftehim**. Huwa jħoss li dan joħroġ minħabba n-natura u x-xorta ta' wħud mill-obbligazzjonijiet tal-ftehim li jċajpru l-oġġett veru tal-kuntratt li sar bejn il-partijiet. Huwa jirreferi għall-artikolu 982 tal-Kodiċi. Iżda l-Qorti ma tarax kif u fejn fil-ftehim ta' bejn il-partijiet jonqos dan l-element essenzjali. Il-ftehim huwa wieħed ta' għoti ta' servizz. Il-klawsoli li fih ifissru wkoll fiex jikkonsisti dak is-servizz u

---

[35] Art. 993 tal-Kap 16
[36] App. Kumm. **9.12.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Borġ*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.241**)
[37] App. Kumm. **22.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Herrera noe et vs Tabone noe et*** (Kollez. Vol: **LXXVI.ii.321**)

x'inhu mistenni minn kull waħda mill-partijiet. Hemm dispożizzjonijiet li jfissru wkoll l-għażliet tal-partijiet f'każ li l-parti l-oħra tonqos milli twettaq il-parti tagħha. Iżda b'daqshekk ma jirriżultax li hemm xi taħwid jew inċertezza tali li minħabba fiha wieħed ma jifhimx x'riedu jiftehmu l-partijiet. Dan jingħad ukoll meta wieħed iqis li "*l'oggetto del negozio, per trasposizione, si identifica con l'oggetto della obbligazione: l'oggetto e` quindi la cosa o l'attivita` sulla quale si fonda il negozio ... (ovvero il) contenuto del negozio: il contenuto e` il complesso delle obbligazioni, dei diritti e degli obblighi che delineano il negozio*"[38];

Illi minn dawn il-konsiderazzjonijiet u fuq in-nuqqas sħiħ tal-imħarrek li mqar ifisser fejn tinsab il-konflittwalita' ravviżata minnu fil-kuntratt, din l-eċċezzjoni preliminari wkoll sejra titwarrab;

Illi **dwar in-nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt** jidher li f'din il-kawża ż-żewġ partijiet jixlu lil xulxin b'dan in-nuqqas. Il-kumpannija attriċi tibni l-każ tagħha fuq it-temm tal-ftehim qabel waqtu min-naħa tal-imħarrek, filwaqt li dan, min-naħa tiegħu, jixli lill-kumpannija attriċi b'nuqqas ta' għoti kif imiss tas-servizz imwiegħed u kif ukoll ta' titjib fit-tagħmir li kien qiegħed jintuża minn ġol-istabiliment użat bħala *internet cafe*`. B'żieda ma' dan, imbagħad, l-imħarrek iressaq id-difiża tiegħu li kien imġiegħel li jitlob it-temm tas-servizz minħabba ċirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom u li, għalih, kienu jikkostitwixxu forza maġġuri;

Illi f'każ fejn iż-żewġ partijiet f'kuntratt jixlu lil xulxin b'nuqqas ta' twettiq, il-ġudikant ikun irid jagħmel valutazzjoni li tqabbel l-imġiba tal-parti l-waħda ma' dik tal-parti l-oħra. Dan jagħmlu billi jqis kemm l-element kronoloġiku, kemm dak tal-proporzjonalita' u kif ukoll il-korrispettivita' tal-prestazzjonjiet mhux imwettqin, ħalli jkun f'qagħda jgħid jekk dak in-nuqqas jagħtix raġun lil xi parti jew kienx il-ħtija tal-parti l-oħra. Minbarra dan, il-ġudikant irid iqis kemm l-obbligazzjoni ewlenija li taħtha ntrabtu l-partijiet, u kif ukoll dawk sekondarji li l-partijiet

[38] G. Alpa *op. cit.* § 4.1 paġ. 65

ikunu tawhom siwi essenzjali għall-ftehim milħuq bejniethom[39];

Illi huwa prinċipju aċċettat li n-nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligazzjoni kuntrattwali iġġib fis-seħħ l-effetti “sekondarji” tal-istess obbligazzjoni – jiġifieri l-effett li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha kien intrabat[40]. Dan minbarra l-effett “primarju” li jista’ jwassal għat-tħassir tal-obbligazzjoni jew kuntratt li jkun;

Illi meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma tagħmilhiex jew ma ttemmhiex, il-parti l-oħra (jiġifieri, l-kreditur tal-obbligazzjoni) tista’ tingħata s-setgħa li twettaqha hi bi spejjeż ta’ min ikun naqasha (jiġifieri, d-debitur tal-obbligazzjoni)[41]. Kreditur ta’ obligazzjoni li ħaddieħor ikun intrabat miegħu li jwettaq, u dan jonqos li jwettaqha, għandu l-għażla li jew jinsisti mad-debitur tal-obbligazzjoni li jwettaq dak li ntrabat li jagħmel[42] jew, f’każ li l-adempiment ma jkunx għadu jista’ jsir aktar, li jitlob il-ħlas tad-danni mġarrba minħabba dak in-nuqqas[43]. Din ir-regola tgħodd ukoll f’kuntratt bħal dak tal-appalt, fejn appaltant li jagħżel li jħoll il-kuntratt minħabba l-inadempiment min-naħa tal-kuntrattur, ma jġibx fuqu l-effetti tal-artikolu 1640(2) tal-Kodiċi Ċivili[44];

Illi huwa stabilit ukoll li meta n-nuqqasijiet fit-twettiq ta’ ħatra ma jkunux sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, imma jibqa’ obbligat li jagħmel tajjeb in-nuqqas jew jaċċetta tnaqqis f’dak li jistħoqqlu jitħallas[45];

Illi meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jagħmel dan bl-għaqal ta’ missier tajjeb tal-familja[46]. Dan għaliex, ukoll fejn id-debitur ma jkunx mexa b’mala fidi, huwa jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li

39 App. Inf. **10.10.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***AX Construction Ltd. vs Tony Mallia Bonello***
40 Art. 1125 tal-Kap 16
41 Art. 1127 tal-Kap 16
42 P.A. **13.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Calleja*** (Kolez. Vol: **XXXVI.ii.578**)
43 Kumm. **13.2.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Petroni vs Petroni noe*** (Kollez. Vol: **XXXVI.iii.629**)
44 P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Terence Mirabelli vs James Schembri***
45 P.A. MCC **9.4.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġlu Busuttil vs Pio Fedele et*** (mhix pubblikata)
46 Art. 1132(1) tal-Kap 16

jġarrab il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta' twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-eżekuzzjoni[47]. Biex jeħles minn dawn l-effetti, id-debitur irid juri li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni jew id-dewmien fit-twettiq tagħha fiż-żmien miftiehem kienu l-kawża ta' ħaġa barranija li huwa ma kienx jaħti għaliha, bħal fil-każ ta' aċċident jew forza maġġuri[48];

Illi d-danni maħsuba mil-liġi għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni jew għat-twettiq tardiv tagħha huma t-telf imġarrab mill-kreditur u/jew il-qligħ imtellef[49], sakemm jintwera li tali telf jew tali qligħ imtellef ikunu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas tat-twettiq tal-obbligazzjoni[50]. Fejn in-nuqqas ta' twettiq ma jkunx ġej minn għamil doluż tad-debitur, id-danni mġarrbin mill-kreditur li huwa obbligat jagħmel tajjeb għalihom huma dawk li basar jew wieħed sata' jobsor li jiġġarrbu fiż-żmien tat-twettiq tal-obbligazzjoni[51];

Illi l-attriċi ssejjes il-każ tagħha fuq il-fatt li l-imħarrek waqqaf il-kuntratt qabel iż-żmien miftiehem ta' ħames (5) snin. Dan il-fatt tat-twaqqif qabel waqtu mhux kontestat. Kemm hu hekk, meta nfetħet il-kawża kien għad fadal iżjed minn sentejn biex jagħlaq iż-żmien "*di fermo*" miftiehem. It-talba għat-tneħħija tas-servizz saret mill-imħarrek innifsu lejn nofs Frar tal-2004, u ttenniet minn xiħadd jismu Alan Caramanica fl-24 ta' Frar tal-istess sena. Matul iż-żmien li l-kuntratt kien għaddej, l-imħarrek kien diġa' wera iżjed minn darba li l-istabiliment fejn kien qiegħed jingħata s-servizz mill-kumpannija attriċi jew ma kienx għal qalbu jew ma kienx ħobż għal snienu. Kemm hu hekk, għal minn tal-anqas darbtejn (fl-2002 u fl-2004) l-imħarrek kien ipprova jwelli l-post lil ħaddieħor, tant li għal xi żmien il-kumpannija attriċi kienet għarfet lil uħud minn dawn it-terzi bħala l-utenti tas-servizz mogħti minnha, bl-imħarrek jibqa' l-garanti tat-twettiq tal-ftehim. Minbarra dan, fil-bidu ta' Awissu tal-2003 kien naqqas it-tagħmir li

[47] Art. 1133 tal-Kap 16
[48] Art.1134 tal-Kap 16
[49] Art. 1135 tal-Kap 16
[50] Art. 1137 tal-Kap 16
[51] Art. 1136 tal-Kap 16

kien jintuża fl-istabiliment billi raddu lura lill-kumpannija attriċi;

Illi dawn il-fatti, waħedhom, huma biżżejjed biex iwasslu lill-Qorti għall-fehma li t-temm qabel żmienu tal-ftehim min-naħa tal-imħarrek jikkostitwixxi nuqqas ta' twettiq tar-rabtiet kontrattwali tiegħu mal-kumpannija attriċi. Iżda, kif ingħad, l-imħarrek jallega li dak il-pass għamlu minkejja fih innifsu. Huwa jressaq i**d-difiża tal-forza maġġuri** li, kif rajna, l-liġi tagħna tagħraf bħala raġuni tajba biex biha persuna teħles mir-responsabbilta' għan-nuqqas tagħha fil-konfront ta' persuna oħra li magħha tkun intrabtet. Huwa minn ewl id-dinja li, f'każ bħal dan, min jinvoka l-każ fortuwitu jew l-aċċident, irid jipprova hu dik l-allegazzjoni[52];

Illi fil-każ li għandna quddiemna l-imħarrek jgħid li din il-forza maġġuri seħħet meta l-Maltacom qatgħet il-linja telefonika li kienet essenzjali biex minnha jsir il-kollegament mal-*internet*. Marbuta ma' din iċ-ċirkostanza, l-imħarrek jinseġ il-fatt li, f'xi żmien matul l-2002 (jiġifieri meta kien fis-seħħ il-kuntratt mertu tal-każ) xi nies li kellu jaħdmu fl-istabiliment kienu abbużaw mil-linja telefonika u tellgħu kontijiet kbar b'telefonati għal barra minn Malta u saħansitra nstabu ħatja minn Qorti[53];

Illi jixraq li wieħed jistħarreġ din il-linja ta' difiża. Il-ħelsien ta' persuna mir-rabtiet kuntrattwali tagħha minħabba forza qawwija jew aċċidentali ma jiddependix bilfors minn patt f'dan is-sens. Jekk ħaġa miftehma ma tistax titwettaq minħabba forza maġġuri, m'hemmx bżonn il-kunsens tal-parti l-oħra biex dak li jkun jinħeles mir-rabta. Huwa sewwasew minħabba li l-aċċident jew il-forza maġġuri joħolqu ċirkostanza lil hinn mir-rieda tal-persuna li l-liġi tagħti l-ħelsien mir-rabta. Fil-każ tal-lum, imma, l-partijiet daħħlu klawsola dwar il-*force majeure* fil-kuntratt ta' bejniethom. Din tgħid hekk:

"*<u>Force Majeure</u>: Except for the obligation to pay money, neither party will be liable for any failure or delay in its*

---

[52] App. Ċiv. **20.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Darmanin vs Schembri*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.440**)

[53] Dok "MH", f'paġġ. 58 sa 61 tal-proċess

*performance under this Agreement due to any cause beyond its reasonable control, including earthquake, flood, or other acts of God; acts of war; embargo; riot; sabotage; labour shortage or dispute; or governmental act; provided that the delayed party: (a) gives the other party prompt notice of such cause, and (b) uses its reasonable commercial efforts to correct promptly such failure or delay in performance*";

Illi l-imħarrek jgħid li l-qtugħ min-naħa tal-Maltacom tal-linja telefonika essenzjali biex ikun hemm aċċess għall-*internet* għallistabiliment tiegħu kien fatt li ħoloq il-forza maġġuri biex jeħilsu mir-rabta tal-kuntratt mal-kumpannija attriċi. Il-Maltacom qatgħet il-linja għaliex il-kont ma tħallasx. Għalkemm fil-ftehim mal-kumpannija attriċi ma joħroġx ċar jekk il-linja telefonika li magħha kellu jsir id-*dial-up* kinitx responsabbilta' tal-istess kumpannija (speċjalment meta l-kuntratt jgħid li l-kumpannija attriċi kienet intrabtet li tistalla, fost l-oħrajn, "*the necessary communication lines to the Frontend*", jiġifieri lil-imħarrek), jirriżulta li l-imħarrek għal żmien twil wara li daħal fis-seħħ il-ftehim kien iħallas il-kontijiet mibgħuta ta' dik il-linja telefonika, u kien ukoll l-abbonat magħruf mal-Maltacom dwar l-istess linja. Fi kliem ieħor, il-ħlas aġġornat tas-servizz telefoniku fl-istabiliment kien obbligu li kellu jitwettaq mill-imħarrek. Jekk il-linja nqatgħet minħabba li l-ħlas ma sarx, allura dan ifisser li kollox seħħ b'għamil (jew aħjar, omissjoni) tal-imħarrek innifsu;

Illi, madankollu, l-imħarrek ifisser li hu irrifjuta li jħallas il-kont għaliex ma kellux iħallsu hu, imma kellu jitħallas minn dawk il-persuni li nstabu ħatja li kienu abbużaw mil-linja u bdew iċemplu bl-addoċċ barra minn Malta mill-istess stabiliment. Kemm hu hekk, l-imħarrek jgħid li għandu xi kawża pendenti mal-Maltacom dwar il-kont. Fi kliem ieħor, jidher li l-imħarrek jabbina d-difiża tal-forza maġġuri wkoll mal-għamil ta' terzi. Madankollu, hija regola magħrufa li "*perche` l'impossibilita` della prestazione costituisca causa di esonero del debitore da responsabilita`, non basta eccepire che la prestazione non possa eseguirsi pel fatto del terzo, ma occorre altresi` dimostrare la propria assenza di colpa con l'uso della*

*diligenza spiegata per rimuovere l'ostacolo frapposto da altri all'esatto adempimento*"[54]. Jirriżulta li ż-żewġ persuni li bagħbsu mal-linja telefonika tal-*internet cafe*` kienu t-tnejn li huma impjegati mill-imħarrek innifsu[55]. Minbarra dan, il-ġrajjiet li dwarhom huma nstabu ħatja seħħew u kienu magħrufa mill-imħarrek qabel ma hu kien reġa' daħal fi ftehim ieħor biex iwelli l-ħanut lil Alex Portanier. Fi kliem ieħor, sa dak iż-żmien, l-imħarrek ma jidhirx li kien iqis li teżisti raġuni għala l-ftehim mal-kumpannija attriċi ma setax jitkompla. Fuq kollox, jirriżulta wkoll li meta l-imħarrek għarraf lill-kumpannija attriċi li l-Maltacom kienet qatgħet il-linja telefonika, huwa ma kienx qal li l-ftehim ma jistax jitkompla iżjed, imma kien wiegħed li japplika għal linja telefonika oħra (kif hemm imsemmi li kellu jagħmel skond l-istess klawsola tal-"*force majeure*") biex is-servizz tal-*internet* ikun jista' jerġa' jingħata;

Illi dawn iċ-ċirkostanzi kollha juru li dak li l-imħarrek jgħid li kien aċċident jew forza lil hinn mir-rieda tiegħu ma kien xejn minn dan, imma espedjent li bih jittanta jeħles mill-effetti tan-nuqqas tiegħu li jwettaq il-ftehim mal-kumpannija attriċi. Mill-provi joħroġ li l-kont li ma tħallasx kien jitla' għal Lm 833.90[56]. Meta wieħed iqis l-effetti tan-nuqqas ta' ħlas ta' ammont bħal dak imqabbel mar-riperkussjonijiet li setgħu jitnisslu bit-twaqqif qabel waqtu tal-kuntratt, wieħed jasal biex jgħid li l-imħarrek ma kien għaqli xejn li jibqa' jwebbes rasu u ma jħallasx il-kont. Dejjem kellu r-rimedju li jmexxi kontra t-terzi, jew, kif jidher li għadu qiegħed jagħmel[57], li jasal f'arranġament mal-Maltacom (GO) biex tagħtih aġevolazzjonijiet dwar il-kont pendenti. Iżda l-iżjed aspett li jimmilita konta l-eċċezzjoni tal-forza maġġuri huwa dak li r-raġuni li l-imħarrek iġib 'il quddiem tiddependi minn nuqqas ta' ħlas ta' somma flus. Din ma tistax tkun raġuni li ssejjes l-eċċezzjoni tal-inadempiment minħabba forza maġġuri għaliex "*l'impossibilita` che estingue la obbligazione o giustifica il ritardo nell'adempimento e` da intendere in senso assoluto ed obiettivo e consiste nella sopravvenienza di una causa non imputabile al debitore, che impedisce*

[54] Cass. **22.10.1973** (Każ. Nru. 2688)
[55] Xhieda tiegħu, f'paġ. 101 tal-proċess
[56] € 1942.46 fi flus tal-lum
[57] Xhieda ta' Noel Scerri 28.3.2007, f'paġġ. 138 – 9 tal-proċess

*definitivamente o temporaneamente l'adempimento dell'obbligazione. Il che puo` evidentemente verificarsi solo quando la prestazione abbia per oggetto la consegna di una cosa determinata o di un genere limitato* ***e non gia` quando si tratta di una somma di danaro***"[58];

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ma ssibx li l-imħarrek seħħlu jiġġustifika l-inadempiment tiegħu fuq il-bażi tal-forza maġġuri, u għalhekk il-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet tiegħu m'humiex sejrin jintlaqgħu;

Illi **dwar jekk il-kumpannija attriċi taħtix hi ukoll għall-inadempiment**, wieħed irid ifittex x'kienu l-obbligi tagħha skond il-ftehim u x'jallega l-imħarrek li messha għamlet u m'għamlitux. Fl-eċċezzjonijiet tiegħu, huwa jsemmi (i) l-*upgrading* tat-*turnkey solution* u (ii) n-nuqqas tagħha li tipprovdi sistema ieħor minflok il-linja telefonika li nqatgħet mill-Maltacom. Huwa xehed li t-tagħmir li ngħata mal-bidu tal-kuntratt baqa' ma nbidel qatt u kien għalaq żmienu meta mqabbel mat-tagħmir iżjed modern użat minn *internet cafes* oħrajn. Jilmenta wkoll li l-kumpannija attriċi messha ħadet il-passi meħtieġa li, malli rat li l-linja telefonika kienet inqatgħet, tipprovdilu mezzi oħra biex is-sistema jerġa' jitqabbad mal-*internet* u jitħaddem mill-ġdid;

Illi dwar l-ewwel ilment, l-imħarrek ma weriex li huwa qatt ilmenta mal-kumpannija attriċi dwar it-tagħmir li tatu. Għall-kuntrarju, jidher li aktar minn sena wara (f'Lulju tal-2002) laqa' għandu tagħmir ieħor tal-istess għamla li kien ingħata f'Mejju tal-2001. Ma jagħmilx sens li jilmenta minn tagħmir qadim u mbagħad jaċċetta tagħmir ieħor bħalu xhur wara. Lanqas ma wera x'passi messha ħadet il-kumpannija attriċi minflok il-qtugħ tal-linja telefonika, ladarba ma weriex li hu qatt għarrafha li l-linja kienet tassew inqatgħet sa minn xhur qabel ma qalilha biex tneħħi t-tagħmir mill-post. Mhux hekk biss, imma hu nnifsu xehed li l-ħanut għalqu għal xi tliet xhur biex jerġa' jduru sewwa u jirranġah, u minnufih reġa' bdielu li jidħol fi ftehim biex ibiegħu[59]. F'dawn iċ-ċirkostanzi żgur ma toħroġx stampa ta' inadempiment attribwibbli lill-kumpannija attriċi,

[58] Cass. **15.7.1968** (Każ. Nru. 1319)
[59] Xhieda tiegħu 7.12.2006, f'paġġ. 104 – 5 tal-proċess

li saret taf biss b'kumbinazzjoni fi Frar tal-2004 li l-imħarrek kien reġa' telaq it-tmexxija tal-ħanut u, ftit jiem biss wara, intalbet tirtira t-tagħmir kollu mill-post;

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ssib li ma ntweriex li l-kumpannija attriċi naqset milli twettaq il-parti tagħha skond il-ftehim li kellha mal-imħarrek;

Illi jifdal li l-Qorti tistħarreġ **l-effetti tal-ksur tal-ftehim** u li huma l-mertu tat-tieni u t-tielet talbiet attriċi u tad-disa' u l-għaxar eċċezzjonijiet tal-imħarrek. Bħala effetti penali għat-temm qabel żmienu tal-ftehim min-naħa tal-imħarrek, il-kumpannija attriċi qegħda titlob it-tħaddim ta' żewġ klawsoli tal-ftehim maħsuba għal hekk. L-ewwel klawsola titkellem dwar "*Non-Compliance*" filwaqt li t-tieni waħda titkellem dwar "*Termination prior to end of contract*". F'tal-ewwel, il-klawsola tgħid li jekk kemm-il darba l-imħarrek jonqos li jwettaq il-ftehim għal xi waħda mir-raġunijiet imfissra fil-kuntratt, huwa jitqies li jkun talab li jixtri t-tagħmir fornit lilu. Il-klawsola mbagħad "tillikwida" l-prezz tat-tagħmir li, f'każ ta' nuqqas ta' ħlas fi żmien għaxart ijiem minn meta l-kumpannija titolbu bil-miktub, jitqies li jkun qiegħed jinkera bir-rata ta' Lm 10[60] kuljum sakemm jinqata' l-"prezz". It-tieni klawsola tistabilixxi kriterju għad-danni li l-kumpannija tqis li tkun ġarrbet talli l-kuntratt ikun intemm qabel żmienu. Dawn id-danni jinħadmu fuq formola li tqis l-ogħla għadd ta' *computers* użati mill-klijent f'kull żmien tal-kuntratt multiplikat b'numru ta' sigħat u bl-għadd ta' jiem li l-kuntratt kien għad fadallu biex jagħlaq. Is-somma li tirriżulta minn din il-formola mbagħad tinqasam fi tnejn;

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin aktar qabel dwar l-effetti tan-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni, wieħed irid iqis l-effetti u l-eżiġibilita' ta' dawn il-klawsoli. Fl-istess waqt, il-Qorti ma tistax twarrab minn quddiemha l-fatt li ż-żewġ klawsoli jagħmlu parti mill-ftehim li, safejn jidher, l-imħarrek qabel magħhom meta iffirma l-kunsens tiegħu fuqu;

---

[60] € 23.29 fi flus tal-lum

Illi l-ftehim li jistabilixxi l-ħlas ta’ penali għan-nuqqas ta’ twettieq f’waqtu ta’ xi obbligazzjoni li tintrabat biha waħda mill-partijiet jiddependi fuq is-siwi tal-ftehim ewlieni[61]. Il-klawsola penali hija għamla ta’ danni pre-likwidati li biha l-kreditur tal-obbligazzjoni jeħles mill-obbligu li jipprova li ġarrab ħsara, għaliex jistrieħ biss fuq il-fatt li d-debitur tal-obbligazzjoni ma jkunx wettaq fil-ħin dak li mal-parti l-oħra jkun intrabat li jagħmel[62]. Huwa għalhekk li l-liġi[63] tfisser il-klawsola penali bħala l-obbligazzjoni li wieħed jintrabat biha f’każ li jonqos li jwettaq l-esekuzzjoni ta’ ftehim li jkun daħal għalih ma’ ħaddieħor;

Illi fejn il-klawsola penali tkun ġiet miftehma minħabba d-dewmien, l-effetti tagħha għandhom jibdew iseħħu minn dak inhar li tgħaddi d-data miftehma għat-twettiq tal-obbligazzjoni, u mhux minn dak inhar li jkun sar il-ftehim li l-klawsola penali tagħmel biss parti minnu[64];

Illi l-liġi trid li l-kreditur ta’ obbligazzjoni jagħżel bejn li jitlob it-twettiq tal-obbligazzjoni jew il-ħlas tal-penali[65], sakemm il-penali ma ġietx miftehma għad-dewmien biss, f’liema każ it-talba tat-tnejn hija possibbli[66];

Illi l-liġi tagħti s-setgħa lill-Qorti li tnaqqas jew ittaffi l-penali f’żewġ każijiet biss: jiġifieri, (a) meta d-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni, u l-kreditur ikun aċċetta espressament il-biċċa li ġiet esegwita; jew (b) jekk id-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni, u dik il-parti mill-esekuzzjoni tkun, fiċ-ċirkostanzi, biċ-ċar swiet lill-kreditur[67]. Iżda f’dan l-aħħar każ, il-penali tkun dovuta kollha jekk tkun ġiet miftehma għad-dewmien fit-twettiq tal-obbligazzjoni;

Illi l-applikazzjoni riġida ta’ din id-dispożizzjoni tal-liġi, minkejja l-konsegwenzi iebsa li jistgħu jinstiltu minnha fil-prattika, ġejja mir-rispett li jrid jingħata lill-prinċipju li ftehim

[61] Art. 1119(1) tal-Kap 16;
[62] Ara Torrente _Manuale di Diritto Privato_, par. 300, paġ 490-1; u art. 1120 tal-Kap 16
[63] Art. 1118 tal-Kap 16
[64] P.A. GCD **16.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Caruana et vs George Camenżuli et***;
[65] Art. 1120(2) tal-Kap 16
[66] Art. 1120(3) tal-Kap 16
[67] Art. 1122(1) tal-Kap 16

validu bejn il-partijiet għandu s-saħħa ta' liġi bejniethom[68], u l-ebda qorti m'għandha tindaħal fi ftehim bħal dan jekk ma jkunx milqut b'xi difett li ġġibu ma jiswiex. Madankollu, llum il-ġurnata huwa aċċettat li l-applikazzjoni tar-regola maħsuba fl-artikolu 1122 tal-Kodiċi Ċivili trid titfisser ukoll fid-dawl ta' prinċipju ieħor ewlieni tad-dritt, jiġifieri dak li jrid li l-kuntratti jiġu esegwiti b'bona fidi. Dan ifisser li bi tħaddim tar-regola *in omnibus quidem, maxime tamen in jure, aequitas spectanda sit*, huwa possibbli li l-effett u l-applikazzjoni litterali ta' klawsola penali jiġu "ridimensjonati" jekk jirriżulta li dawn joffendu jew jiksru s-sens prattiku u morali tal-obbligazzjoni billi jkunu jidhru sproporzjonati jew inaċċettabbli "skond in-normi stabiliti tas-soċjeta' u l-loġika ġuridika"[69];

Illi f'dan il-każ, jidher li l-ewwel klawsola għandha min-natura ta' klawsola penali. It-tieni klawsola għandha min-natura ta' likwidazzjoni ta' danni. Iqum il-punt jekk wieħed jistax jitlob il-ħlas tal-penali u l-ħlas ta' danni flimkien, ladarba ngħad li l-penali hija sura ta' kumpens għall-ħsara li l-kreditur tal-obbligazzjoni jbati minħabba n-nuqqas ta' twettiq tagħha. Jidher li t-tweġiba mogħtija mill-Qrati tagħna hija waħda affermattiva[70], sakemm ikun hemm patt espress f'dan is-sens fil-kuntratt li jkun;

Illi l-imħarrek jipprotesta u jattakka ż-żewġ klawsoli (iżda l-iżjed l-ewwel waħda minnhom) għaliex iqis li dawn la jirriflettu d-dannu veru mġarrab mill-kumpannija attriċi u lanqas ma huma mistħoqqa fid-dawl tal-fatt li l-kuntratt intemm minkejja fih. Dwar l-ewwel klawsola (l-għaxar eċċezzjoni), imbagħad jgħid li jonqsu l-elementi fundamentali mitluba mil-liġi għax-xiri u bejgħ, minħabba li l-"prezz" stabilit m'huwiex wieħed ċert, iżda hu għal kollox ipotetiku u dipendenti minn ksur ta' obbligu kuntrattwali;

Illi l-kumpannija attriċi, bi tħaddim litterali taż-żewġ klawsoli, ressqet prospett tal-likwidazzjoni għall-finijiet tat-tieni u t-tielet talbiet tagħha. Taħt l-ewwel klawsola stabiliet il-"prezz tax-xiri" fis-somma ta' tlitt elef ħames

---

[68] Art 992(1) tal-Kap 16
[69] App. Ċiv. **15.12.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Paċe vs Richard Micallef pro et noe***
[70] App. Ċiv. **20.2.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***Merola vs Caruso*** (Kollez. Vol: **XXIX.i.106**) u P.A. PS **28.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Acountant General et vs Joseph Spiteri***

mija u ħamsin lira Maltin (Lm 3,550)[71], filwaqt li taħt it-tieni klawsola stabiliet danni fis-somma ta’ disat elef tmien mija u erbgħin lira Maltin (Lm 9,840)[72];

Illi diġa’ ġie stabilit li l-inadempiment attribwit lill-imħarrek jikkonsisti biss fit-twaqqif tal-kuntratt qabel iż-żmien miftiehem. Il-kuntratt kien għal ħames snin kalendarji, jiġifieri elf tmien mija u sitta u għoxrin (1,826) jum. Meta ntemm il-kuntratt kien għad fadal tmien mija u għoxrin (820) jum x’jgħaddu għall-għeluq taż-żmien miftiehem. Fid-dawl ta’ dan, il-Qorti hija tal-fehma li għandha tirrevedi l-ammont pretiż mill-kumpannija attriċi taħt kull waħda miż-żewġ klawsoli prospettati. Dan hu xieraq kemm fuq bażi fattwali u wkoll fuq bażi legali;

Illi dwar il-klawsola penali tax-“xiri” tat-tagħmir, il-Qorti ma taqbilx mal-imħarrek li l-kriterji tal-klawsola jżommu ’l bogħod mill-prinċipji ewlenin tal-ftehim ta’ xiri u bejgħ. Il-“prezz” tat-tagħmir kien likwidat bi qbil u determinat minn qabel, iseħħ meta jseħħ il-ksur tal-kuntratt. L-oġġett ukoll kien maqbul u l-partijiet kienu jafu sewwasew fuq xiex kienu qegħdin jitkellmu. Fuq kollox, l-kumpannija attriċi stabiliet il-pretensjoni tagħha skond dik il-klawsola fuq l-għadd ta’ *computers* li kienu għadhom fil-pussess tal-imħarrek fil-ħin li temm il-kuntratt u mhux ukoll fuq dawk li hu kien radd lura xi xhur qabel;

Illi madankollu, l-Qorti jidhrilha li fil-każ tal-penali mitluba b’din il-klawsola jeżistu l-estremi maħsuba fl-artikolu 1122(1) u dan minħabba l-fatt li parti mill-kuntratt kienet imwettqa u dik il-parti mwettqa kienet tant ta’ siwi għall-kumpannija attriċi li hija ġabret nofs id-dħul ġenerat mill-parruċċani tal-imħarrek kull darba li aċċedew għall-*internet* matul dik il-parti. Raġuni oħra għaliex il-Qorti ssib li għandha tinqeda bl-imsemmija dispożizzjoni tal-Kodiċi hi li l-klawsola penali ma ġietx miftehma għad-dewmien u l-imħarrek ma ntweriex li kien inadempjenti minħabba l-morożita’;

[71] € 8,269.28 fi flus tal-lum
[72] € 22,921.03 fi flus tal-lum

Illi, skond ma jipprovdi l-artikolu 1122(2) tal-Kodiċi, it-tnaqqis tal-penali għandu jitqabbel mal-parti tal-obbligazzjoni li ma tkunx twettqet. F'dan il-każ, jirriżulta li meta l-imħarrek temm il-kuntratt ħamsa u erbgħin fil-mija (45%) mill-kuntratt kollu ma kienx għadu twettaq. Għalhekk, il-kumpannija attriċi jistħoqqilha titħallas penali f'dik ir-rata. Meta wieħed jaħdem dan l-ammont, jirriżulta li l-kumpannija attriċi jistħoqqilha tingħata ħlas ta' tlitt elef seba' mija u wieħed u għoxrin euro (€ 3721)[73] bħala penali;

Illi dwar il-klawsola tad-danni mġarrba l-Qorti ssib li dawn iridu jirriżultaw minn danni li l-kumpannija attriċi tassew tkun ġarrbet u mhux dawk li jinħadmu b'mod arbitrarju maqtugħ mir-rejalta' tal-fatti kif seħħew[74] u bl-obbligu wkoll li l-parti danneġġata tagħmel ħilitha biex tnaqqas il-ħsara mġarrba[75]. F'dan il-każ, il-Qorti ma taċċettax li l-kalkolu kellu jinħadem fuq sitt (6) *computers*, meta jirriżulta li sa mill-2003, il-kumpannija attriċi kienet diġa' ħadet lura għandha tlieta minnhom. Li wieħed kellu jimxi strettament mal-formola wżata fil-klawsola partikolari, joħroġ li jekk imqar f'ġimgħa waħda l-klijent talab u ngħata għaxar *computers* oħra ma' dawk li kellu u dawn ittieħdu lura wara ftit jiem, id-danni kienu se' jinħadmu fuq l-ogħla għadd ta' *computers* li f'xi ħin partikolari kienu taħt il-kontroll tal-klijent. Tifsira bħal din iddarras u tmur kontra kull sens ta' ħaqq u applikazzjoni xierqa tal-patti miftehma. Għalhekk, ladarba fil-ħin li l-imħarrek temm il-kuntratt kien għad fadal tliet (3) *computers* jaħdmu fl-istabiliment tiegħu, il-Qorti ssib li huwa fuq dan l-għadd li wieħed jista' jitkellem għar-rigward tad-dannu mġarrab mill-kumpannija attriċi, u dan ukoll minħabba l-fatt li kull dħul li hija kienet qegħda tippretendi li ddaħħal mit-tħaddim tas-sistema kien jintrabat b'xi mod mal-għadd ta' *computers* li jkun hemm fl-*internet cafe*` li jkun. Għalhekk, il-Qorti qegħda tasal għall-fehma li l-ammont ta' danni dovuti lill-kumpannija attriċi jammonta għal ħdax-il elf erba' mija u erbgħa u sittin euro (€ 11,464)[76];

---

[73] 0.45 x € 8269.28

[74] App. Ċiv. **26.1.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Cassar vs Borġ Olivier noe*** (Kollez. Vol: **XLVI.i.16**)

[75] App. Ċiv. **3.11.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb vs Livick et*** (Kollez. Vol: **XL.i.653)**

[76] [3 x 4(x € 2.33) x 820] / 2 = € 11,464

Illi dan iwassal biex l-imħarrek irid iħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' ħmistax-il elf mija u ħamsa u tmenin euro (€ 15,185);

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel erba' eċċezzjonijiet** tal-imħarrek u tiddikjara li l-ftehim magħmul bejn il-partijiet fit-8 ta' Mejju, 2001, kien jgħodd u jiswa u ma kien hemm l-ebda raġuni li tagħmlu null;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-imħarrek naqas milli jżomm u jwettaq ir-rabtiet tiegħu mal-kumpannija attriċi skond l-imsemmi ftehim billi temm qabel żmienu l-istess kuntratt;

**Tiċħad il-ħames, is-sitt, is-seba' u t-tmien eċċezzjonijiet** tal-imħarrek għaliex il-ksur tal-ftehim la kien ir-riżultat ta' forza maġġuri jew aċċident u lanqas tal-imġiba tal-kumpannija attriċi;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi u wkoll *in parte* d-disa' u l-għaxar eċċezzjonijiet tal-imħarrek** billi tillikwida l-ammont li l-imħarrek irid iħallas lill-kumpannija attriċi minħabba l-ksur tal-ftehim fis-somma ta' ħmistax-il elf mija u ħamsa u tmenin euro (€ 15,158);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** billi tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' € 15,158, flimkien mal-imgħaxijiet legali b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tordna li** l-imħarrek iħallas erbgħa minn ħames ($^4/_5$) partijiet mill-ispejjeż tal-kawża u l-kumpannija attriċi l-parti minn ħamsa ($^1/_5$) l-oħra.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------